**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 67

**27 ta' Frar, 2018**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 67.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji

**67.1.1** Kulħadd attenda għal laqgħa tal-kunsill, għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' appoloġiji.

### 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

**67.2.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

### 67.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

**67.3.1** Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Frank Roe issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

### 67.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**67.4.1** Is-Sindku Max Zammit qal li għal din is-sena, id-dipartiment tal-gvern lokali informa lill-kunsill li għal din is-sena għal *connecting through culture* ħa jkun qiegħed japprova s-somma ta' 4,000 ewro. Din hija 2,000 euro inqas mis-sena l-oħra u għaldaqstant dan huwa meqjus bħala nuqqas konsiderevoli.

**67.4.2** Huwa qal li fil-jiem li ġejjin il-kunsill għandu laqgħa mal-President tar-Repubblika u huwa jixtieq li għal din il-laqgħa jattendi l-kunsill kollu peress li hija opportunita' importanti. Huwa qal li jixtieq li f'din il-laqgħa tigi diskussa din l-attivita' b'mod ħolistiku li jinvolvi anke il-possibilita' li niġu mgħejjuna permezz ta' fondi.

**67.4.3** Il-Kunsill qabel li l-kunsill għandu jiddiskuti mal-president fuq il-possibilita li din l-attivita tikber u jiġu inkluzi wkoll l-ambaxxati u ir-residenzi diplomatiċi li qiegħdin barra minn Ta' Xbiex.

**67.4.2** Is-Sindku Max Zammit qal li kif kien miftiehem, it-*tender* għal *embellishments* fi Triq il-Ħalġ u Triq Abate Rigord ser jiġi ippublikat fil-jiem li ġejjin. Il-perit tal-kunsill jistma il-valur ta' dan ix-xogħol 87,500 ewro mingħajr VAT.

Il-kunsill approva b'mod unanimu d-dokument tat-*tender*.

**67.4.3** Is-Sindku Max Zammit qal li hu u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma membri mil-ministeru tal-*Public Works.* F'din l-laqgħa tqajjmu punti pendenti li kien hemm fosthom it-*traffic management*, l-aċċess fil-*Belvedere*, il-bankina ta' Triq ix-Xatt u il-Ġnien tal-Gżira.

## 67.5 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-kunsilliera;

**67.5.1** Il-Kunsillier L Cachia Castelletti staqsiet xi tkopri il-polza tal-*Public Liability*.

## 67.6 Estensjonijiet ta' kuntratti li ha jiskadu;

**67.6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li t-*tender* tal-Gbir tal-iskart kien ser jiskadi fl-aħħar ta' Frar 2018.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jestendi l-kuntratt għal sitt xhur jew sa meta jiġi aġġudikat it-*tender* il-ġdid, skond liema data tiġi l-ewwel.

**67.6.2** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li t-*tender* tal-manteniment tas-*soft areas* ser jiskadi fl-aħħar ta' Frar 2018.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jestendi l-kuntratt għal sena oħra u li għandha issir rikjesta lid-dipartiment tal-gvern lokali biex il-kunsill jibqa jaħdem bil-kuntratt eżistenti sakem jiġu iċċarati ċertu affarijiet.

**67.6.3** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li t-*tender* tal-ġbir tal-iskart goff ser jiskadi fl-aħħar ta' April 2018. Huwa ippreżenta ukoll l-abbozz tat-*tender*.

Il-Kunsill approva l-abbozz tat-*tender* u qabel b'mod unanimu li għandu jestendi l-kuntratt għal sitt xhur jew sa meta jiġi aġġudikat it-*tender* il-ġdid, skond liema data tiġi l-ewwel.

## 67.7 Kuntratt ta' *Eu Funds Management*;

**67.7.1** Is-Sindku Max Zammit qal li l-kuntratt tal-ko-ordinament ta' Fondi Ewropej wasal biex jiskadi u ma jarax għala l-kunsill għandu joħroġ tender ieħor peress li ma kienx ta' benefiċċju għal kunsill. Huwa ippropona li l-kunsill idaħħal persuna minn barra li tkun taħdem biex iġġib fondi mil-Unjoni Ewropeja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kunsill diġa qiegħed jimpjega l-massimu tal-ħaddiema li jista jimpjega u diġa inagħta permess biex jimpjega *part-timer* fil-posizzjoni ta' skrivan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kunsill jista jinagħta permess biex joħroġ vakanza interna fejn fiha l-kunsill ikun jista jagħti promozzjoni lil xi ħadd mil-ħaddiema tal-kunsill biex din il-persuna tkun tista tagħmel ix-xogħol meħtieġ fi grad iktar għoli ta' *Assistant Principal* (Grad 11). Is- Sindku Max Zammit qal li l-vakanza interna għandha tinkorpora fiha kemm elementi ta' *customer car*e u elementi ta' *procurement* ta' *Eu Funds*.

**67.7.2** Il-Kunsill qabel mal-proponiment tas-Sindku li għandha tinħareġ vakanza interna għal *Assistant Principal* (Grad 11).

**67.7.3** Is-Sindku ippropona ukoll li jiġi mwaqqaf il-bord li jkun jista jagħmel l-intervista' u jiddeċiedi min ser jimla l-vakanza għal-Assistant Principal. Is-Sindku ppropona li l-persuni fuq il-bord ikunu l-Viċi Sindku R Portelli u l-Kunsillier E Muscat.

**67.7.4** Il-Kunsill qabel mal-proponimenti tas-Sindku.

**67.7.5** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser ikun qiegħed iħejja l-vakanza li ser tkun qiegħda tiftaħ fit- 2 ta' Marzu u tagħlaq fit- 13 ta' Marzu 2018. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk ikun hemm applikazzjoni interna jagħmel l-intervista' nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu 2018.

## 67.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**67.8.1** Il-Kunsillier E Muscat u il-kunsillier L Cachia Castelletti esprimew r-riservi tagħhom fuq tibdila tal-immaniġjar tat- traffiku fil-parti ta' fuq ta' Triq Prinċipessa Elisabetta minħabba periklu li jista jinħoloq b'dan il-bdil.

**67.8.2** Is-Sindku u l- kunsilliera F Roe u R Portelli fehmu dawn il-punti u għaldaqstant il-Viċi Sindku R Portelli spjega kif tiġi tagħmel aktar sens jekk jitneħħa spazzju ta' karozza wieħed fuq in-naħa tax-xellug tat-triq f'direzzjoni lejn ir- *roundabout*, fid-dawl li ntrebaħ spazzju ta' karozza ieħor fuq in-naħa tal-lemin.

**67.8.3** Madankollu s-Sindku ippropona li mmorru fuq il-post u naraw jekk jistgħux jinstabu alternattivi simili sabiex din il-modifika tkun aktar sigura bl-għan li jitnaqqsu l-inċidenti. Ippropona li wkoll li fil-laqgħa tal-kunsill li jmiss tittieħed deċiżjoni finali u dan il-perjodu jkun ta' prova.

## 67.9 Rapporti mill-Kunsilliera;

**67.9.1** Il-Kunsillier F Roe qal li fis-27 ta' Frar 2018 fi Triq Abate Rigord kien hemm ammont ta' kaxxi mal-*bin* li hemm ftit iktar il-fuq mid-*Deggi's Sandwich Bar*.

**67.9.2** Il-Viċi Sindku R Portelli qal li l-*Global Capital* m'humiex qiegħdin josservaw l-iskeda tal-iskart u qiegħdin joħorġu l-boroż bil-lejl.

## 67.10 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 26 ta' Marzu, 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**67.10.1** Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.

**Konfermati, illum it-Tnjen 26 ta' Marzu, 2018.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |